Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2008

Numru 806/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD C. SPITERI**

**KONTRA**

**OSNEPH BONNICI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Osneph Bonnici ta' 25 sena, bin Gaetano u Josephine nee' Zammit, imwieled Pieta, nhar is- 16 ta' Frar 1983, u residenti fil- fond Block 3 Door B Flat 17, Triq tal-Mithna, Gudja detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 164883(M);

Li gie mressaq sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet ;

Talli:
F'dawn il- Gzejjer nhar il- 31 ta' Awwissu 2008, ghal habta ta' bejn l- erbgha u l- erbgha u nofs ta' filghodu (4.00am u 4.30am ) gewwa Triq Santu Wistin, Paceville, San Giljan u/ jew fil- vicinanzi:

1) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra l- PC 923 Pierguido Saliba, persuna inkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghti skond il- Ligi mill- awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal- Artikolu 96 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

2) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- perusna ta' PC 923 Pierguido Saliba, persuna inkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi f'esekuzzjoni ta' dak is- servizz, u dan bi ksur tal- Artikolu 95 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

3) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' PC 923 Pierguido Saliba, kif iccertifikat minn Dr. Victor Buhagiar mill- Gzira Health Centre u dan bi ksur tal- Artikolu 221 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

4) Volontarjament kiser l- bon- ordni jew il-kwiet tal- pubbliku, b' ghajjat u glied u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

5) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PC 923 Pierguido Saliba, persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkila waqt li kien qieghed jaghmel d- dmirijiet tieghu, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliex li haddiehor jaghmel dak li b' Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il- Ligi, jew b'xi mod iehorm u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (ee) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet kollha fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq mill-Qorti skond il-ligi sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Rat il-verbal ta’ llum, fejn l-imputat skuza ruhu bis-shih ghall-incident in kwistjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza kienet frott ta’ malintiz li kiber lil’ hinn mill-proporzjon minhabba fl-agir tal-imputat. Ghalkemm giet irregistrata ammissjoni ghall-imputazzjonijiet, il-Qorti xorta semghet lill-vittma tal-aggressjoni, PC 923 Saliba. Irrizulta li l-kwistjoni kollha inqalghet minn terzi u m’hux mill-imputat stess, izda sussegwentement l-imputat naqas illi jobdi l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Pulizija u aggredixxa lill-istess Ufficjal, u ghalhekk safa’ arrestat u mressaq il-Qorti. Jidher li t-taghlima l-imputat hadha, u tenut kont tal-mertu tal-incident kollu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 96, 95, 221, 338(dd) ta- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentenjn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------